MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2014

Citazzjoni Numru. 141/2012

**A B**

**vs**

**Dr Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar**

**b'digriet tat-28 ta' Awwissu 2012 gew nominati kuraturi deputati**

**sabiex jirraprezentaw lill-assenti C D B**

**Il-Qorti,**

Rikors guramentat tal-attur li permezz tieghu ippremetta u talab is-segwenti:-

Illi l-esponenti kien izzewwg lill-intimata ta' nazzjonalita' Pollakka fit-tmienja (8) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sitta (2006);

Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti ma' kellhomx tfal;

Illi kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, il-partijiet ma' kienux jippossjedu l-kapacita illi japprezzaw is-serjeta' tal-passi illi kienu qeghdin jiehdu. Tant hu hekk illi z-zwieg taghhorn gie celebrat bir-rit civili ghaliex l-konvenuta ma riditx illi tintrabat mal-attur quddiem Alla, bir-rit Kattoliku;

Illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-partijiet li jaqdu 1-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan ai termini tal-artiklu 19 (1) (d) tal-Kap, 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizjat minhabba l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, jew ghad-dritt tal-hajja konjugali u dan ai termini tal-Artiklu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi minkejja l-buona volonta ta' l-attur, z-zwieg tal-partijiet qatt ma kien wiehed felici, stante li l-konvenuta effettivament uriet illi hija ma' kienitx kapaci terfa' mqar parti mir-responsabilita u wisq anqas tassumi l-obbligi matrimonjali, u fil-fatt il-hajja bejn il-kontendenti saret impossibbli, tant hu hekk illi l-konvenuta meta deherilha hi, minghajr ebda raguni qabdet u abbandunat ir-residenza matrimonjali u marret lura pajjiza u bl-intenzjoni cara li tibda hajja gdida hemm, qatghet kull kuntatt mieghu:

Illi l-esponenti jinsab ghaddej ukoll bi proceduri ta' separazzjoni;

Illi dawn il-fatti hawn dikjarati huma kollha a diretta konoxxenza tal-attur:

Illi ghalhekk iz-zwieg ta' bejn il-kontendenti ghandu jigi dikjarat null;

Ghaldaqstant l-esponenti ghar-ragunijiet hawn fuq premessi umilment jitlob lil din 1-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikkjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-tmienja (8) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sitta (2006) hu wiehed null u bla effett fil-ligi ghar-ragunijiet hawn fuq premessi u cioe' artikli 19 (1) (d) u artiklu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-lista tax-xhieda u l-lista ta' dokumenti pprezentati mill-attur.

Rat l-affidavit tal-attur u ta' xhieda ohra.

Rat ir-riposta tal-kuraturi deputati fejn iddikjaraw li ma kienux edotti mill-fatti.

Rat li l-konvenuta giet avzata fl-esteru fejn tirrisjedi dwar din il-kawza tramite l-kuraturi deputati li qed jirraprezentawha pero' ghazlet li ma tipprezentax risposta.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur[1].

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat.

**Provi**.

Kif fuq spjegat il-konvenuta ma ppartecipatx f'din il-kawzsa u ghalhekk kien biss l-attur li ressaq il-provi.

L-attur xhed illi huwa wiehed minn hamest ahwa u li missieru miet meta kellu sbatax-il sena. Sa dak iz-zmien kellu relazzjoni tajba ma' missieru. It-trobbija li kompliet taghtih wahedha ommu kienet wahda ezamplari mimlija fuq il-valuri li permezz taghha bena wkoll relazzjoni tajba ma' hutu.

Dwar il-familja ta' martu ma tantx kien konsapevoli pero' iltaqa' darba ma' omm il-konvenuta li kienet marida hafna u rikoverata fi djar tal-anzjani. Missierha miet hafna snin ilu filwaqt li ommha

[1] Fol. 39

mietet seba' snin ilu. L-attur xhed illi qabel ma l-konvenuta u l-attur saru jafu lil xulxin, hi kienet tqila u t-terminat it-tqala taghha permezz ta' abort.

Il-konjugi partijiet saru jafu 'l xulxin meta l-attur kellu madwar sitta u tletin sena waqt li l-konvenuta kienet ghal btala f'Malta. Kellhom habib komuni li introducihom u minn hemm bdew jinnamraw. Baqghu jinnamraw ghal madwar tmien (8) snin, daqqa' jitla' l-attur fil-pajjiz tal-origini tal-konvenuta u daqqa tigi l-konvenuta Malta.

Eventwalment il-partijiet izzewgu fis-sena 2006. L-attur xhed illi dak iz-zmien huwa kellu impieg b'salarju tajjeb hafna filwaqt li l-konvenuta ma kenitx tahdem. L-attur jispjega illi filwaqt li huwa haseb li wara z-zwieg ir-relazzjoni ta' bejniethom kienet ser tibqa' tajba kif kienet matul it-tmien snin ta' qabel iz-zwieg, maz-zwieg l-affarijiet bejniethom bdew jehzienu. Xehed hekk: "in the first year she was doing the house work because I was working and she was at home, but then she abandoned everything and I had to employ a cleaner for home and to clean the shop also. Dorota rarely cooked and when she used to prepare food, she just used to go buy either some fast food or pre-packed food and then just heat it in the oven"

L-attur jghid ukoll illi apparti mill-fatt li l-konvenuta bdiet tonqos milli terfa' r-responsabbiltajiet taghha ta' mara mizzewga, bdiet ukoll tilmenta illi skond hi ma kelliex hajja socjali u li riedet hin ghaliha ghad-divertiment. Minn hemm 'il quddiem il-konvenuta bdiet tixrob medja ta' flixkun inbid kuljum bil-konsegwenza li dan l-istil ta' hajja kien detrimentali ghall-hajja matrimonjali ta' bejn il-partijiet.

L-abdikazzjoni mid-doveri taghha ta' mara mizzewga immanifestaw ruhhom ukoll f'zewg cirkostanzi li fihom l-attur gie rikoverat l-isptar darba ghal gimgha u darb' ohra ghal ftit granet. Fl-ewwel okkazzjoni jghid li l-konvenuta marret tarah darba biss filwaqt li fit-tieni okkazzjoni ma marret xejn.

L-attur jispjega li huwa xtaq hafna li jizzewweg bir-rit kattoliku pero' l-konvenuta kienet irrifjutat. Jghid hekk: "she only wanted to marry civilly, while it was my wish to marry also in Church. She never wanted to get married in Church because she was pro-divorce, in fact she registered the marriage in Poland, so that she can take divorce whenever she wanted. She even used to tell me that in Malta we should introduce divorce, since at the time of our marriage, divorce was not part of Maltese law. She used to claim that she was an Atheist."

Fattur iehor li fuqu l-attur sejjes il-kawza minnu promossa huwa li l-konvenuta ma ridietx tfal. Kienet tghid lill-attur illi jekk tohrog tqila kienet lesta li tittermina l-gravidanza permezz ta' abort.

Jghid hekk: "she never wanted children and she repeated used to tell me that she does not want to have children ... "she was ready and willing to do an abortion, as she did one day."

L-attur ressaq bhala xhieda lil huh Ivan B u lin-neputi tieghu Matthew B.[2]

Ivan B xhed li huwa u huh kellhom trobbija normali primarjament minnn ommhom peress li missierhom miet relattivament zghir. Jispjega li huwa u huh kienu shab f'negozju ta' restaurant fejn kienu jahdmu wkoll in-nista rispettivi taghhom. Fir-rigward taz-zwieg tal-partijiet jghid hekk:-

"As far far as Dorota is concerned I got to knew her when they got married. A and I were kness partners together with our respective wives who were employed with us. During this period I met her nearly every day for the 18 months that I was involved in the business with my brother.

I have to say is that the situation with Dorota as regards the relationship between employer and employee was very difficult. The arguments were frequent and there used to be a lot of tension in the restaurant while we were supposed to be working normally, especially because our work involved meeting and serving the clients all the time. Dorota used to pick up an argument on everything, even on small things. I can attribute this mainly because of her character and personality.

It was not the first time that I noticed that the relation between A and Dorota was not a smooth one, in the sense that it did not seemed that they were on good terms as normal married couple. I can say that she showed no respect at all to her husband, and this from her attitudes towards my brother. The way she spoke to him, the way she put up her voice, the arrogant way she answered him was evident and it was a clear sign that she did not respected him as his wife. She even tended to start an argument on everything, and I can say that this had even become a routine, even while at work.

After 18 months, my wife and I had to leave the business, and this due to her character, personality, and also due to the fact that it was affecting Carlo. I just know that one day Dorota left and she never came back again, and as far as I know my brother never heard anything from her.

From what I experienced I can say that Dorota wanted to marry only because of ulterior motives, namely for financial purposes. Once I heard Dorota mentioning that she was in favour of divorce,

[2] Fol. 25 u Fol 27 rispettivament.

and nowadays when I look back I realized that she did not wanted to get married in Church because of this reason. I also got to know from my brother that she never wanted children not even when she was married. In my opinion all these factors show that from her part she wanted a marriage of convenience."

Matthew B xhed li ghalkemm huwa n-neputi tal-attur u kien imur flimkien mat-tfajla tieghu fir-restaurant tal-attur u huh, il-konvenuta kienet tinjorah nonostante li kienet taf li kien in-nepputi ta' zewgha. Ghalih dan kien sinjal li bejn il-partijiet l-affarijiet ma kienux mexjin sew.

Ikkunsidrat;

**Il-Ligi dwar il-Validita' taz-Zwieg**.

**Artikolu 18 tal-Att dwar iz-Zwieg**, Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi x'inhuma ir-rekwiziti formali sabiex zwieg ikun validu:-

"*Zwieg, sew jekk isir Malta, sew jekk isir barra minn Malta, ikun validu ghall-finijiet kollha tal-ligi f'Malta jekk-*

*(a) dwar il-formalitajiet tieghu, ikun tharsu l-formalitajiet mehtiega ghall-validita' tieghu skont il-ligi tal-pajjiz fejn ikun sar iz-zwieg; u*

*(b) dwar il-kapacita' tal-partijiet, kull wahda mill-persuni li jkunu ser jizzewgu tkun kapaci li tizzewweg skont il-ligi tal-pajjiz tad-domcilju rispettiv taghha.*"

Artikolu 19 imbaghad jelenka diversi cirkostanzi li jwasslu ghall-annullament taz-zwieg. L-attur qed jinvoka tnejn minnhom:

**Sub-inciz (1) (d) :**

***"jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ", u***

**Sub-inciz (1) (f):**

***"jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ."***

**Gurisprudenza**.

**Iz-Zwieg bhala Istitut ta' Ordni Pubbliku**.

Il-gurisprudenza nostrana konstantement qieset l-istitut taz-zwieg bhala istitut ta' ordni pubbliku li jehtieg is-salvagwardji misthoqq. Talba ghal dikjarazzjoni gudizzjarja li tnejn li resqu ghac-celebrazzjoni taz-zwieg effettivament ma izzewgu xejn tehtieg li tigi sorretta minn provi konvincenti li jnisslu fil-gudikant dak il-konvinciment necessarju li effettivament zwieg bejn il-partijiet ma kienx sehh nonostante li c-cerimonja segwit ir-rit formali u estern impost bil-ligi. Kif sostniet il-**Qorti tal-Appell** fis-sentenza fl-ismijiet "**Anna Tonna vs. Alexander Tonna**" deciza fis-6 ta' Novembru 1991:-

"F'materja ta' żwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriccożament wara xi żmien ta' żwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieg u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerggħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament ragunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieg għandu jigi annullat pero' dan ma għandux ikun sabiex jkunu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-ieħor

.

Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta cara u mingħajr dubju."

F'sentenza ohra moghtija wkoll mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "**Joseph Zammit vs Bernardette Zammit**" (27 ta' Jannar, 2006) jinghad hekk:

"Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fundamentali fil-ligi civili u cioe' li ż-żwieg bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfacenti ta' l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u cjoe' li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega."

Fuq l-istess binarji is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet "**Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia**" moghtija fit-28 ta' Lulju 1987:-

"Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-aktar rispett……….Ghall-Qorti n-nullita' hija haga serjissima u eccezzjonali bbazata fuq ir-rekwiziti legali, u bhala materja eccezzjonali trid tkun interpretata restrittivament".

Gialadarba l-istitut taz-zwieg civili huwa ta' ordni pubbliku, jehtieg illi nonostante li l-konvenuta ma pprezentatx risposta guramentata, il-Qorti tevalwa l-provi kollha mressqa mill-attur u tevalwa jekk jezistux l-elementi necessarji ghall-pronunzjament ta' annullament ta' zwieg.

Ikkunsidrat;

Il-Gurisprudenza nostrana fir-rigward ta' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju hi fis-sens illi mhux kwalunkwe stat ta' immaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku jwassal ghall-annullament taz-zwieg. Ghalhekk wiehed irid jistaqsi: *kien hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fil-kunsens ta' xi hadd mill-partijiet li jirrendi l-kunsens moghti invalidu ghall-finijiet tal-ligi?*

Fis-sentenza fuq citata "**Zammit vs. Zammit**" il-Qorti tal-Appell kompliet tiddikjara:-

-

"Illi rigward id-dispożizzjoni kontenuta fis-sub-inciż (f) fuq imsemmi biex dan id-difett ikun jirriżulta jkun jeħtieg li jigi ppruvat sodisfacentement li ż-żewg partijiet jew waħda minnhom fil-mument ta' l-għoti tal-kunsens matrimonjali tkun eskludiet iż-żwieg innifsu jew eskludiet element essenzjali tal-ħajja miżżewga jew id-dritt għall-att taż-żwieg u din l-esklużjoni tkun saret b'att pożittiv tal-volonta' ta' dik il-parti. Huwa evidenti li din id-dispożizzjoni tirravviża sitwazzjoni ta' simulazzjoni u għandu jigi enfasiżżat li nullita' ta' żwieg bażata fuq il-kawżali

ta' simulazzjoni proprjament tkun teskludi kawżali bażata fuq nullita' ta' żwieg minħabba nuqqas ta' esklużjoni ta' gudizzju. L-inkompatibbilta' bejn dawn iż-żewg kawżali toħrog mill-fatt li n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju timplika inkapacita' li wieħed jagħraf, jifhem u jirrifletti filwaqt li l-kawżali tas-simulazzjoni teħtieg li jkun hemm tali kapacita' intelletwali, proprju l-att pożittiv tal-volonta' li jwassal għas-simulazzjoni, totali jew parzjali." (Sottolinear ta' din il-Qorti).

Issir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet "**Mario Mizzi vs Maris Mizzi**" deciza mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru 2005 li:-

"Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm l-inkapacita' psikika jew kostituzzjonali (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeciedi liberament (jigifieri mingħajr impulsi nterni li jkunu neħħew il-liberta' ta' l-għażla tal-persuna li tkun) fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali."

In tema tal-validita' ta' kunsens moghti issir referenza wkoll ghal decizzjoni moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza "**Lawrence Attard vs George Attard**" deciza fit-30 ta' Gunju 2011 fejn gie dikjarat illi: "Il-kapacita' hija r-regola; l-inkapacita' l-eccezzjoni…………Biex persuna tkun kapaci ma hemmx bzonn li jkun pefettament u rigorozament san minn mohhu; bizzejjed l-uzu tar-raguni li tippermetti li jkun jaf x'inhu jaghmel".

Fis-sentenza "**Alessandra sive Sandra Mc Monagle gia' Mamo vs Mario Mao**" deciza mill-Prim' Awla fl-20 ta' Ottubru 2000 gie dikjarat illi:-

"fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali ossia gravi, minn dik il-fakolta' kritiko estimattiva jew kritko valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett:.

Ikkunsidrat;

Kif supra spjegat, l-attur xhed illi miz-zwieg mal-konvenuta huwa xtaq li jkollu l-ulied u li kien biss minhabba r-rifjut taghha li jkollhom tfal, li baqghu bla tfal. Jghid illi waqt l-gherusija il-konvenuta kienet qaltlu li meta kellha madwar sitta u ghoxrien sena hija kienet harget tqila u kienet itterminat il-gravidanza taghha permezz ta' abort. Spjega fl-affidavit tieghu illi "Moreover she never wanted

children and she repeated[ly] used to tell me that she does not want to have children, and [if] she ever gets pregnant she was ready and willing to do an abortiion, as she did one day."

Fil-fehma tal-Qorti, aspettativa legittima ta' min jizzewweg hija li frott ta' tali zwieg jitwieldu l-ulied. Appena huwa necessarju jinghad illi in-nuqqas ta' ulied rizultat ta' infertilita' da parti tal-mara jew tar-ragel jew tat-tnejn ma giebx in-nullita' taz-zwieg.

Dwar dan l-aspett l-attur jghid li l-konvenuta qatt ma riedet ulied. Isegwi ghalhekk illi sa minn qabel iz-zwieg il-konvenuta kienet qalet lill-attur li hija ma xtaqitx ulied. Abbinat dan mal-fatt illi minn qabel iz-zwieg il-konvenuta kienet qalet lill-attur illi hija ma ridietx ulied, fil-fehma tal-Qorti jekk tnejn min-nies jizzewgu, konxji mill-fatt li xi hadd minnhom jew it-tnejn qed jeskludi a priori li jkollhom l-ulied, dan ma jgibx wahdu n-nullita' taz-zwieg. Hawn diversi koppji li konxjament jiddeciedu minn qabel ma jizzewgu li ma xtaqux ikollhom ulied u jghixu l-hajja matrimonjali taghhom b'mod felici. Differenti tkun is-sitwazzjoni fejn l-intenzjoni li ma jkunx hemm ulied matul iz-zwieg tinheba qabel iz-zwieg u timmanifesta ruhha wara li jkun gie celebrat iz-zwieg.

Ghalhekk il-fatt li l-konvenuta minn qabel ma zzewgu kienet tghid lill-attur li ma riditx ulied, u l-attur xorta wahda accetta li jizzewwigha, ma jistax issa juza tali cirkostanza bhala raguni li tannulla z-zwieg mill-ewwel jum tieghu.

Ikkunsidrat;

Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi r-raguni ghaliex iz-zwieg in dizamina huwa null hija naxxenti mill-fatt ippruvat illi l-kunsens tal-konvenuta ghaz-zwieg kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha.

Il-partijiet izzewgu fis-sena 2006 meta d-divorzju ma kienx ghadu introdott f'pajjizna u meta z-zwieg mhux biss bir-rit kattoliku izda wkoll dak civili kien meqjus bhala vinkolu *vita durante*. Il-konvenuta pero' kienet qed tizzewweg bil-hsieb illi dak il-vinkolu tista' titterminah meta u x'hin trid billi titlob id-divorzju f'pajjizha. Fil-fatt kull meta l-partijiet kien ikollhom xi jghidu, li kienu okkazzjonijiet spissi, il-konvenuta kienet tghid lill-attur li riedet id-divorzju. Id-divorzju gie introdott fil-Ligi Maltija bl-Att XIV tal-2011 u sak dak il-mument it-terminazzjoni taz-zwieg ma kienx ghadu possibbli. Hawn Malta zwieg civili seta biss jigi dikjarat null izda mhux xolt.

Ghalhekk fil-mument li l-konvenuta kienet qed taghti l-kunsens taghha fit-8 ta’ Dicembru 2006 ma kenitx qeghda tersaq ghal zwieg kif kontemplat fil-ligi Maltija fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg tal-partijiet.

Jirrizulta wkoll li l-kunsens tal-konvenuta kien simulat persss li bil-komportament taghha versu l-attur vicin hafna wara d-data taz-zwieg hija kienet eskludiet elementi essenzjali tal-hajja mizzewga fosthom dawk elenkati fil-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta konsistenti primarjament fl-assistenza morali u materjali, assistenza li l-konvenuta ma tatx lil zewgha li tista’ tghid mill-bidunett tal-hajja matrimonjali qasira tal-partijiet.

Ghalhekk hija l-fehma tal-Qorti illi l-konvenuta kienet konsapevoli tal-ghazliet li kienet qeghda taghmel koncernanti z-zwieg taghha mal-attur bil-konsegwenza li filwaqt li ma jissussistux ragunijiet ghall-annullament taz-zwieg taht l-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 jezistu ragunijiet taht l-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 sabiex iz-zwieg ta’ bejn il-partijiet jigi dikjarat null.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi taqta u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tiddikjara illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fit-8 ta’ Dicembru 2006 huwa null u bla effett fil-ligi ai termini tal-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Tordna li din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex isiru l-annotamenti kollha necessarji fl-att taz-zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta b’dan illi l-ispejjez tal-kuraturi ghandu jaghmel tajjeb ghalihom provvizorjament l-attur bi dritt tal-irkupru kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------